**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 24 TA’ GUNJU,2002.**

**Avviz Numru 1018/02 AJD.**
**Anthony sive Antoine Vassallo f’ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Michelle Cutajar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-Avviz prezentat fis-17 ta’ April, 2002 fejn l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta’ tlett mija, tmienja u hamsin Lira Maltin u erbghin centezmu (Lm358.40) rapprezentanti l-import ta’ hames kambjalijiet ta’ Lm71.68 kull wahda li mmaturaw fl-20 ta’ Ottubru 2001, 20 ta’ Dicembru 2001, 20 ta’ Jannar 2002, 20 ta’ Frar 2002, u 20 ta’ Marzu 2002.**
**Bl-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita’ tal-kambjalijiet sal-pagament relattiv oltre l-ispejjes legali u gudizzjarji.**

Sema’ x-xhieda ta’ John Sultana, rapprezentant tsl-attur li kkonferma li l-import ta’ ltett kambjali thallas qabel ma‘ giet intavolata l-kawza odjerna. Inoltre l-konvenuta esebiet l-kambjala li mmaturat fl-20 ta’ Marzu 2002 u rrizulta li l-pagament relattiv gie effetwat fit-23 ta’ April 2002. Dan il-fatt gie konfermat ukoll minn John Sultana.

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza biss in kwantu jirrigwarda l-ispejjes.

Ikkunsidra:

Illi kif diga gie spjegat aktar il-fuq, il-mertu ta’ din il-kawza kien jirrigwarda l-import ta’ hames kambjalijiet ta’ Lm71.68 il-wahda. Mill-provi , u precizament mix-xhieda ta’ John Sultana, rrizulta li l-import ta’ tlieta minn dawn il-kambjalijiet thallas qabel ma’ giet intavolata l-kawza odjerna filwaqt li l-ahhar kambjala thallset fil-mori tal-kawza u, cioe fit-23 ta’ April 2002. Il-partijiet ma taw ebda indikazzjoni dwar meta thallset ir-raba’ kambjala .

Jidher illi parti kbira mis-sorte thallas qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna. L-attur messu ghamel il-verifiki necessarji qabel ma’ ntavola din il-kawza u ghal din ir-raguni t-Tribunal huwa tal-fehma li huwa ghandu jbati l-ispejjes kollha ta’ din il-kawza.Jrid jigi rilevat li l-attur naqas milli jipprezenta nota ta’ cessjoni in kwantu jirrizulta s-sorte u dan nonostante li rrizulta

**inekwivokabilment li s-sorte kien thallas kollu fil-mument li l-kawza giet differita ghas-sentenza.**

**Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-attur.**

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**